MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1283/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmen Baldacchino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Awissu, 2000 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm158.96), u b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2002, l-ammont gie korrett bhala mija u erbgha u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm184.25) ammont dovut lis-socjeta` attrici, INV4667 in konnessjoni ma' uzu frawdolent ta' telecards (skond ma jirrizulta mid-Dok.A);**

**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' April, 1999, u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali u t-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali u bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-12 ta' Settembru, 2000 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu illi l-konvenuta ghamlet uzu frawdolent ta' xi "telecards"; Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Ingrid Azzopardi, Spettur tal-Pulizija Carmel Bartolo, Carmen Baldacchino u Dr. Adrian Vassallo. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm184.25) ghall-telefonati li s-socjeta` attrici qed tallega li l-konvenuta ghamlet permezz ta' "telecard" falza.**
2. **Jibda biex jinghad li jirrizulta li saru telefonati lejn l-Argentina permezz ta' "telecard" falza, u dana definitivament fil-15 t'April, 1997. Dana jirrizulta ampjament mix-xhieda ta' Ingrid Azzopardi, Group Director, Internal Audit, tas-socjeta` attrici.**
3. **Jirrizulta li Ingrid Azzopardi fil-jum in kwistjoni, wara li kienet spiccat mix-xoghol, u waqt li ghaddejja minn Tal-Pieta` nnutat persuni f'payphone. L-istess Azzopardi agixxiet bl-akbar responsabilita` desiderabbli meta hi waqfet biex tikkontrolla, u nnutat li kien hemm il-konvenuta flimkien ma' wiehed fil-payphone booth. Setghet tinnota li l-konvenuta kienet**

**qed tuza "telecard" falza, u dana peress li l-card kienet imqabbza l-barra. L-istess Azzopardi ghalhekk hadet in-numru tal-karrozza li fiha dahlet il-konvenuta, u ivverifikat in-numri li ccemplu u minn fejn saru telefonati ohra bl-istess numru, u b'hekk irrisaliet ghall-konvenuta. Sussegwentement il-Pulizja interrogaw lill-konvenuta u skond ma xehed l-Ispettur Carmel Bartolo din ammettiet li kienet ghamlet uzu minn "telecard" falza.**

4. **Il-konvenuta ppruvat tqajjem dubbju dwar il-hin li fiha Azzopardi sabitha ccempel, in kwantu it-telefonati fil-15 ta' April, 1997, bdew fid-9.19pm filwaqt li l-istess Azzopardi spiccat mix-xoghol ghall-habta tad-9.20 jew 9.25pm. F'dan il-kuntest it-Tribunal qed jaghti kredibilita` shiha ghall-dak li stqarret Ingrid Azzopardi, u li hi fil-fatt lahqet lill-konvenuta qed taghmel it-telefonata bit-telecard falza. Dana kollu jinsab msahhah minn dak li xehed l-Ispettur Bartolo fir-rigward li l-istess konvenuta ammettiet li uzat it-telecard falza.**

5. **Skond ma xehedet Ingrid Azzopardi saru telefonati fuq sitt numri lejn l-Argentina f'okkazzjonijiet differenti, u jirrizulta li fil-jum in kwistjoni saru tlett telefonati fuq in-numri 5461230846 u 5461259255.**

6. **Jirrizulta li apparti dawn il-konvenuta kienet iccempel ukoll b'mod normali mir-residenza taghha.**

7. **Jirrizulta li fil-fatt il-konvenuta kienet iccempel lill-bintha fl-Argentina.**

8. **It-Tribunal innota x-xhieda tat-tabib Dr. Adrian Vassallo. Ma hemmx dubbju li l-kaz tal-konvenuta hu kaz pjetuz, pero` jirrizulta li l-konvenuta ghamlet uzu minn "telecard" falza a detriment tas-socjeta` attrici, fatt li ghalih issa l-konvenuta ghandha taghmel tajjeb. Ghalhekk il-kwistjoni issa hija dwar il-quantum li ghandha thallas il-konvenuta lis-socjeta` attrici.**

9. **Irrizulta li l-konvenuta kienet imsiefra bejn is-7 ta' Marzu u is-26 ta' Marzu, 1997, u ghalhekk it-Tribunal ma jistax iqies li t-telefonati li saru f'dak il-perjodu jigu addebitati lill-konvenuta. Jirrizulta li fil-perjodu hawn fuq imsemmi, saru telefonati fis-somma**

**ta' sitta u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm66.10).**

10. **Ghalhekk it-Tribunal qed inaqqas din is-somma mill-ammont ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sitta u disghin centezmu mitluba. B'hekk jigi li l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u disghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm92.86).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fl-ammont fuq imsemmi ta' tnejn u disghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm92.86), it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u disghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm92.86). bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------